# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 24**

**Avviz numru 57/02mm**

**Vincent u Agnes konjugi Caruana**

**vs**

**Geoffrey Mizzi u Jessie Evelyn Aquilina**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti li jizgumbraw fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti mill-fond 29, St. Philip Street, Birzebbugia, li l-konvenuti okkupaw u ghadhom jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghall-finijiet tal-Ligi gie dikjarat li l-valur lokatizju ta' l-istess ambjent ma jeccedix l-ammont ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fis-sena.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuta Jessie Evelyn Aquilina twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta Jessie Evelyn Aquilina naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Gunju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenuta tizgombra mill-fond 29, St. Philip Street, Birzebbugia, li l-konvenuta okkupat u ghadha tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi,  bl-ispejjez kontra l-konvenuta Jessie Evelyn Aquilina.

Anthony Zammit

Dep Reg.